***- KOLLIZZJONI-***

***- RIGHT OF WAY -***

***- MAIN ROAD U SIDE ROAD USER-***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 1511/97/RCP**

**Laferla Insurance Agency Limited u din in rappresentanza ta' Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds, kif tinsab separatament issurogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Dionisius Bonett u Angelo Cassar, sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Arthur Grech.**

**Il-Qorti,**

**<u>I.  PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici kienet tassikura l-vettura Toyota Numru ta' Registrazzjoni N-3400 propjeta' ta' l-assikurat Angelo Cassar taht polza *'comprehensive'.*

Illi s-socjeta' attrici kienet ukoll, izda naturalment taht polza differenti, tassikura l-vettura Isuzu Numru ta' Registrazzjoni S-9923 proprjeta' ta' l-assikurat taghha Dionisius Bonett taht polza *'comprehensive'.*

Illi waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Fiat, numru ta' registrazzjoni M-1802 fil-25 ta' April 1995, gewwa Valley Road, B'Kara, bi traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, huwa habat mal-vettura Toyota Numru N-3400, allura misjuqa minn Angelo Cassar, b' sahha tali illi bhala rizultat dirett ta' tali impatt, il-vettura Toyota Numru N-3400 habtet fil-vettura numru S-9923 li kienet ipparkjata fl-istess triq u gew kkagunati danni ngenti fl-imsemmija karozzi.

Illi, in vista tal-poloz ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, s-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghal porzjoni sostanzjali tad-danni sofferti mill-imsemmija assikurati taghha, Angelo Cassar u Dionisius Bonett, skond l-istess poloz u in konsegwenza ta' tali pagament, is-socjeta' attrici giet ssurrogata fid-drittijiet ta' l-imsemmija assikurati taghha skond l-istess poloz ta' assikurazzjoni.

Illi s-somma hekk sborzjata mis-socjeta' attrici kienet tammonta komplessivament skond iz-zewg poloz ta' assikurazzjoni fuq imsemmija ghas-somma ta' elfejn u mittejn u hamsin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM2250.51); imhallsa nkwantu ghal LM1185.80 in konnssejoni mal-hsarat fil-vettura S-9923 u s-somma ta' LM1064.71 in konnssjoni mal-hsarat fuq il-vettura N-3400.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

[i] tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal-kollizjoni tal-25 ta' April 1995, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;

[ii] tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u mittejn u hamsin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM2250.51) jew somma verjuri illi tigi likwidata prevja okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

[iii] tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' elfejn u mittejn u hamsin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM2250.51) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra tas-26 ta' Ottubru 1995 u l-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 25 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Grech a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien unikament l-assigurat tas-socjeta`, Angelo Cassar, li bi traskuragni grossolana, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti stradali kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku *de quo*.

2. Illi l-eccipjent kien qed isuq bi prudenza bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias* u kien Angelo Cassar li naqas li

jzomm *proper look out,* habat mal-vettura M-1802 u in vista tas-sewqan perikoluz u traskurat tieghu baqa diehel fil-vettura proprjeta' ta' Dionisius Bonnett.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 31 u 32 tal-process;

Rat il-verbal tal-21 t'Ottubru 1998 fejn l-atturi nghataw il-fakolta li jipprezentaw ix-xhieda taghhom bil-procedura ta' l-affidavit.

Rat in-noti tas-socjeta` attrici tas-26 ta' Jannar 1999 u tal-24 ta' Gunju 1999 fejn permezz taghhom gewipprezentati xi affidavits.

Rat il-verbali tat-30 ta' April 1999; tal-21 ta' Gunju 1999, tas-16 ta' Frar 2000 fejn xehed bil-gurament PS 1350 Joseph Borda; tad-19 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta; tal-5 t'Ottubru 2000; tas-16 ta' Jannar 2001 fejn xehed Carmelo Calleja, u Dr DePasquale ghas-socjeta` attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut ghat-12 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2001 fejn xehed Arthur Grech, il-konvenut, u Dr Franco Bondin ghall-istess iddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li gara go Valley Road B'Kara fil-25 t'April 1995 bejn karozza Toyota Reg No N-3400 misjuqa minn Angelo Cassar u l-karozza Reg No M-1802 misjuqa minn Arthur Grech li kienet hierga minn Carmel Street ghal go Valley Road B'Kara.

Illi apparti l-hsarat fiz-zewg karozzi giet ikkawzata hsara wkoll fil-vettura Reg No S-9923 li kienet ipparkjata go Valley Road.

Illi gie stabbilit diversi drabi li sabiex wiehed jasal biex jiddetermina r-responsabilita` ta' l-incident necessarjament trid tigi stabbilita l-kawza prossima ta' l-istess.

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta li d-dinamika ta' l-istess kollizzjoni hija wahda cara peress li ma hux kontestat li Angelo Cassar, l-assigurat tas-socjeta` attrici, kien ghaddej go Valley Road mentri l-konvenut kien hiereg minn Carmel Street.

Illi ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti li Valley Road hija *main road* mentri Carmel Street hija *side road*, u dan peress illi Valley Road jghaddi minnha ammont sostanzjali ta' traffiku mid-direzzjoni ta' B'Kara lejn il-Mosta u vici-versa kif ukoll jghaddu minn hemm il-korozzi tal-linja, l-istess triq hija ta' certu wisa' apparti wkoll li hija paralela ma Naxxar Road, *main road* ohra fl-istess inhawi. Minn naha l-ohra Carmel Street tizbokka minn Naxxar Road ghal fuq Carmel Street u hija wkoll *one way*.

Illi dan iffisser li kull min hiereg minn Carmel Street ghal fuq Valley Road irid jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji billi jieqaf fil-kantuniera u jesplora sewwa t-triq miz-zewg direzzjonijiet qabel ma jidhol fl-istess *main road* u dan ghar-raguni ovvja li min ikun diehel f'*main road* ikun qed johloq ostakolu ghall-*on going traffic* u *flow of traffic* li jkun ghaddej mill-istes triq.

Illi stabbilit il-premess jirrizulta li mir-rapport tal-Pulizija kif indikat fl-okkorrenza esebita bhala Dok FGC1 a fol 80 tal-process li wara l-istess habta s-sewwieqa fuq indikati sostnew hekk ma PS 1483 li nvestiga l-incident:

"*meta PC 800 Arthur Grech gie mistoqsi kif saret il-habta dan qal li kif nizel Carmel Street waqaf fil-kantuniera ma Valley Road biex jesplora t-triq mit-traffiku u kif ma ra li gej hadd min-naha tal-lemin u sa kemm rega' hares fid-direzzjoni tax-xelluq f'daqqa wahda giet min-naha tal-lemin*

*il-vettura numru N-3400 bi speed qawwi u habtet man-naha tax-xellug fuq quddiem.*

*Angelo Cassar is-sewwieq tal-vettura No N-3400 qal li waqt li kien sejjer fid-direzzjoni tal-knisja ta' San Pawl bi speed moderat u fuq in-naha t-tajba tat-triq, kif wasal mal-kantuniera ta' Carmel Street il-vettura tal-Pulizija harget ghall-gharrida mit-triq tal-genb ghal fuq it-triq il-maggura minghajr ma waqaf u habat mieghu fil-bibien ta' quddiem u wara fuq ix-xellug u bid-daqqa dawru u habat mal-vettura S-9923 li kienet ipparkjata go Valley Road B'Kara.*"

Illi ezaminati dawn il-versjonijiet moghtija mill-istess sewwieqa *a tempo vergine* wara l-incident, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minnhom ukoll jirrizulta kemm il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ta' l-istess incident stante li huwa qed jammetti li ra biss lil Angelo Cassar mal-habta u ghalhekk dan iffisser li qabel ma beda diehel f'Valley Road huwa ma esplorax sewwa l-istess *main road* meta kellu l-facilita` kollha li jaghmel dan bil-kumdita kollha tenut kont tal-fatt li meta wiehed hiereg minn Carmel Street huwa ghandu vizwali sew ta' l-istess *main road* tant li tali vizwali twassal almenu sal-knisja li hemm fl-istess triq.

Illi *di piu`* komparat dan li qal l-istess konvenut u appena citat ma l-iskizz esebit bhala Dok FGC2 a fol 82 tal-process jidher car illi l-vettura tal-konvenut sabiex sar l-impatt kienet harget kwazi sa nofs Valley Road u allura ma

jistghax ikun li l-istess konvenut esplora l-istess triq sew ghaliex altrimenti ma kienx johrog dik id-distanza kollha go Valley Road.

Illi huwa veru illi l-vizjoni tal-konvenut huwa u hiereg fuq il-lemin tieghu setghet kienet ristretta bil-karozzi pparkjati mal-bankina go Valley Road fuq il-lemin tieghu li jirrizultaw ukoll indikati fl-istess skizz, izda pero` dan ma jfisser xejn hlief li l-konvenut kellu jkun aktar kawt sabiex jesplora t-triq qabel ma johrog fuq il-*main road* u dan jidher li l-konvenut ma aderixxiex mieghu b'dan li holoq ostakolu ghall-utenti ta' l-istess triq.

Illi ovjament din il-Qorti ma ssib ebda gustifikazzjoni fl-agir tal-konvenut li sostna li meta hares lejn il-lemin u ovjament hareg b'dan il-mod il-konvenut sab il-karozza ta' Angelo Cassar ma wiccu, anzi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din tfisser li l-konvenut ma zammx *proper look-out* u ma rax dak li kien *in plain view* u allura l-istess dikjarazzjoni tal-konvenut kontenuta fl-okkorrenza ndikata ma hija xejn hlief auto-inkolpazzjoni tan-nuqqasijiet tieghu li kienu l-kawza prossima ta' l-istess incident.

Dan huwa aktar aggravat mill-fatt li l-konvenut kien konxju tal-fatt li bhala sewwieq hiereg mill-*minor road* huwa kellu jcedi d-dritta jew ir-*right of way* lill-utenti ta' l-isess *main road,* u dan certament ma sarx kif jirrizulta mill-provi prodotti. ("**Charles Attard et vs Pierre Mangion**" – P.A. FGC 30 t'Ottubru 1998 – LXXXII.III.310).

Illi dwar is-sewqan ta' Angelo Cassar anke in konsiderazzjoni tax-xhieda minnu moghtija permezz ta' l-affidavit tieghu tat-22 ta' Jannar 1999 a fol 38 tal-process din il-Qorti thoss li m'ghandha xejn x'ticcensura dwar l-investiment tal-vettura tieghu. Anzi jirrizulta li l-istess sewwieq kien miexi normalment u b'mod regolari fl-istess triq sa kemm gie rinfaccjat bil-hrug imprudenti quddiemu tal-karozza tal-konvenut li b'hekk ikkawzatlu *sudden emergency* u *in the agony of collission* ghalkemm huwa prova jevita l-incident xorta spicca habat mal-karozza Reg No S-9923 li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tieghu hekk kif taqbez Carmel Street fl-istess Valley Road, kif jirrizulta wkoll indikat fl-iskizz tal-Pulizija diga msemmi.

Illi ovvjament ghal din il-hsara kkawzata fil-karozza pparkjata proprjeta` ta' Dionisius Bonnett, l-assigurat l-iehor tas-socjeta` attrici ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghaliha l-istess konvenut stante li kien is-sewqan imprudenti u negligenti tieghu li kkawza l-kollizzjoni *de quo* u l-hsarat konsegwenzjali bhala effett dirett ta' l-istess agir irresponsabbli ta' l-imsemmi konvenut.

Illi wiehed jista' jargumenta li Angelo Cassar forsi seta' agixxa b'mod iehor pero` huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Paul Deguara vs Raymond Chilton**" (Appell Civili 3 ta' Frar 1988 – LXII.II.180) fejn inghad "*fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra li ghamel, (il-konvenut), ikkreja*

*'a sudden emergency' lill-(attur) li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' 'evasiv action' ... ... inutili li wiehed joqghod jghid kif imissa rreaggixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta din tkun giet rinfaccjata b'sudden emergency ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreaggixxi l-istess, fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz wiehed jista' jghid li, kieku ma kinietx il-manuvra errata ta' l-attur il-kollizzjoni ma kinietx issir. Hekk insibu fil-"Manual of Motor Vehicle Law" (Horsely and Foster p. 120): "If the driver outs the corner and confronts another driver with the imminent prospect of a collision he connot complain if that other adopts an unwise manouvre in attempting to avoid it". Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin ta' l-(konvenut) ikkrea sitwazzjoni tali li l-(assigurat ta' l-attur) ma setax jevita l-habta bl-'evasiv action' li ha*".

Illi f'dan il-kaz tali *evasiv action* da parti ta' Angelo Cassar kienet aktar difficli biex tittiehed konsiderando l-fatt li l-konvenut bl-ingress tieghu f'Valley Road imblokka ghal kollox il-karregjata li minnha kien ghaddej l-istess Angelo Cassar.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-istess incident u ghad-danni kollha konsegwenzjali naxxenti mill-istess inkluzi l-hsarat fil-vetturi tal-assigurati tas-socjeta` attrici.

Illi f'dan il-kuntest huwa wkoll elokwenti dak li xehed Charles Galea fl-affidavit tieghu tal-21 ta' Gunju 1999 esebit a fol 47 tal-process u dwar it-trattativi li saru sabiex jithallsu d-danni mill-istess konvenut.

## III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

Illi dwar id-danni kkawzati ma jidhirx li saret kontestazzjoni *da parte* tal-konvenut u s-socjeta` attrici esebiet elenku ta' l-istess danni li jinsab a fol 8 tal-process bhala dokument B.

Illi dawn id-danni jikkonsistu fis-segwenti

- SPIZA TAL-VETTURA NUMRU S-9923

| | | |
|---|---|---|
| Survey Report | 8.05 | |
| Mechanical | 74.75 | |
| Labour | 345.00 | |
| Parts | 571.55 | |
| Spray | 161.00 | |
| Rust Proofing | 47.00 | |
| Police Report | 3.45 | |
| | 1210.80 | |
| Less Policy Excess | 25.00 | 1185.80 |

- <u>SPIZA TAL-VETTURA NUMRU N-3400</u>

| | | |
|---|---|---|
| Survey Report | 8.05 | |
| Labour | 149.50 | |
| Parts | 688.66 | |
| Spray | 218.50 | |
| Rust Proofing | 25.00 | |
| | 1089.71 | |
| Less Policy Excess | 25.00 | 1064.71 |
| **Total** | | **2250.51** |

Illi dawn l-ispejjez jinsabu kkoroborati mill-ircevuti nkluzi surveys esebiti kemm mac-citazzjoni attrici a fol 9 sa 25 tal-process kif ukoll ma dawk esebiti ma l-affidavit ta' Charles Galea a fol 49 sa 75 tal-process liema ricevuti wkoll ma gewx ikkontestati mill-istess konvenut.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ammont ta' danni li qed jigu likwidati jammontaw ghas-somma rikjesta mis-socjeta` attrici ta' Lm2250.51 li jirrizultaw ilkoll ippruvati u mhux kontestati.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

[i] tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni tal-25 ta' April 1995, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;

[ii] tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u mittejn u hamsin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM2250.51);

[iii] tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' elfejn u mittejn u hamsin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM2250.51).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra tas-26 ta' Ottubru 1995 u l-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fl-1 ta' Gunju 1998 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju, 2001**